MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 225/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Filippo Gauci
Carmelo Gauci
*... omissis ...*
*... omissis ...***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Filippo Gauci u Carmelo Gauci talli fit-18 ta’ Mejju 2007 ghall-habta tal-16.40 fi trejqa privata li tinsab f’Ta’ Skunju l/o Mtarfa:

(1) bla hsieb li jisirqu jew jaghmlu hsara kontra l-ligi izda sabiex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom, ghalqu l-istess trejqa bil-vettura taghhom, kif ukoll fl-ghelieqi

maghrufa bhala Ghajn Killija l/o Mtarfa saqqew sigar tal-laring kif ukoll qalghu *irrigation pipes* li hu proprjeta` ta' Charles Gauci;

(2) kisru l-ordni u paci pubbliku b'ghajjat, storbju jew glied;

(3) m'obdewx l-ordnijiet legittimi ta' P.C. 56 J. C. Grech u P.C. 362 W. Borg ufficjali inkarigati mil-ligi waqt il-qadi ta' dmirijiethom;

(4) Filippo Gauci hebb ghall-persuna ta' Charles Gauci b'ogett iebes (gebla) u kkagunalu griehi ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr. M. West c/o Mosta Health Centre;

(5) Carmelo Gauci hebb ghall-persuna ta' Charles Gauci b'ogett iebes (gebla) u kkagunalu griehi ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr. M. West c/o Mosta Health Centre.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija "tapplika ghall-harsien ta' Filippo Gauci, Carmelo Gauci, Maria Victoria Gauci u Brian Gauci" (*sic!*);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Lulju 2008 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmijin Filippo Gauci u Carmelo Gauci hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti u kkundannathom ghall-hlas ta' multa ta' mitt euro kull wiehed (€100);

Rat ir-rikors ta' appell ta' Filippo Gauci u Carmelo Gauci pprezentat fis-17 ta' Lulju 2009 li permezz tieghu talbu li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberahom minn kull piena u imputazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellanti jirrigwarda l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi. Jghidu li mill-provi ghandu jirrizulta li ma kinux huma li taw lok ghall-incident izda kien Charles Gauci li, bl-aktar mod provokattiv, eskala s-sitwazzjoni biex jinholoq l-incident in kwistjoni. Ghalhekk meta agixxew dan kien biss sabiex jirripellaw l-aggressjoni mwettqa fuq persunthom mill-imsemmi Charles Gauci u huh. L-elementi ta' *ragion fattasi* ma jikkonfigurawx peress li, ghalkemm si tratta ta' proprjeta` taghhom, kull ma riedu kien, bhalma dejjem ghamlu, li jkollhom access ghall-ghelieqi taghhom. L-anqas ma hu minnu li m'obdewx l-ordnijiet tal-Pulizija peress illi anke jekk stess inghataw, huma ma kinux f'posizzjoni li josservawhom minhabba l-konfuzjoni li holoq Charles Gauci. Barra minn hekk f'ebda hin ma qabdu gebla ghal Charles Gauci. Finalment wiehed irid jara l-incident fil-kuntest ta' aggressjoni fizika u attiva ta' l-imsemmi Charles Gauci u huh li kontinwament jezercitaw fuq il-familja ta' l-appellanti kull darba li jersqu lejn l-ghelieqi taghhom.

Din il-Qorti semghet ix-xhieda kollha mill-gdid, ezaminat it-traskrizzjonijiet tax-xiehda li nghatat u kkunsidrat id-diversi sottomissjonijiet maghmula mill-partijiet.

L-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti tirrigwarda r-reat ta' *ragion fattasi*. Hi bazata fuq tliet allegazzjonijiet: li l-appellanti ghalqu trejqa bil-vettura taghhom, li saqqew sigar tal-laring u li qalghu *irrigation pipes*. Dwar l-ahhar zewg allegazzjonijiet, Charles Gauci stess qal li dan ma kienx fl-istess gurnata ta' meta ghalqu t-trejqa, u l-appellanti gew akkuzati li kollox sehh fit-18 ta' Mejju 2007. Ghalhekk din il-Qorti mhijiex se tiehu konjizzjoni ta' l-imsemmijin l-ahhar zewg allegazzjonijiet.

Kwantu ghall-allegazzjoni li l-appellanti ghalqu t-trejqa bil-vettura taghhom, irid jinghad illi f'dan il-kaz kienu l-appellanti li cemplu lill-Pulizija biex jinfurmawhom illi Charles Gauci kien ipparkja l-vettura tieghu fil-proprjeta` taghhom. Charles Gauci pero` qieghed jallega li fejn dahlu l-appellanti hija proprjeta` tieghu. Mhux kompitu ta' din il-

Qorti li tidhol fil-mertu ta’ min hi l-proprjeta` u l-anqas ta’ jekk Charles Gauci hux intitolat jghaddi bir-rigel biss. Ghall-finijiet ta’ dan il-kaz biss pero` hi sodisfatta li kemm l-appellanti kif ukoll Charles Gauci kienu qed jaghmlu uzu mit-trejqa in kwistjoni.

Issa, ir-reat ta’ *ragion fattasi* huwa meqjus bhala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet pubblici ohra. Ghalhekk anke fil-kaz ta’ ko-pussessuri dak li hu mehtieg hu li huma “jaghmlu, kull wiehed minnhom, uzu ragonevoli mill-oggett b’mod li ma jkunx jista’ jinghad li wiehed qed jippriva lill-iehor mit-tgawdija ragonevoli ta’ dak l-oggett” (Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Georgina Gauci,** 7 ta’ Jannar 1998, Vol. LXXXII.iv.76).

Effettivament jirrizulta illi minhabba l-mod kif kien ipparkjat Charles Gauci f’nofs it-trejqa, l-appellanti l-anqas setghu jipprocedu oltre bil-vettura taghhom. Ghalhekk bil-fatt li l-appellanti pparkjaw il-vettura taghhom wara dik ta’ Charles Gauci ma jistax jinghad illi fixkluh fil-pussess ta’ hwejgu ghax kienu kostretti li jieqfu fejn waqfu minn Charles Gauci stess. Barra minn dan, sitwazzjoni bhal din hi sitwazzjoni normalissima fejn dak li normalment isir hu li jekk wiehed qed isakkar lill-iehor, dak li jkun qed isakkar icaqlaq il-vettura tieghu biex l-imsakkar ikun jista’ jghaddi. Fil-kaz ta’ l-appellanti dan m’ghamluhx mill-ewwel peress illi kienu diga` cemplu lill-Pulizija u kienu qed jistennewhom jaslu sabiex b’hekk ikollhom xhieda indipendenti (il-Pulizija) tal-fatt li Charles Gauci kien qieghed ipparkjat fejn kien, u cioe` f’dik li jsostnu hi proprjeta` taghhom. Jigifieri hawn kellha sitwazzjoni ta’, kif tghid l-idjoma Ingliza, *“the pot calling the kettle black”*. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tara kif dak li ghamlu l-appellanti jista’ jiffigura ruhu fir-reat ta’ *ragion fattasi* galadarba kienu qed juzaw it-trejqa bl-istess mod u manjera li kien qed juzaha Charles Gauci.

L-imputazzjonijiet l-ohra jirreferu ghas-sitwazzjoni li zviluppat fil-presenza tal-Pulizija fejn l-appellant u anke Charles Gauci u huh spiccaw b’offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna taghhom.

Fil-provi hemm certi kontradizzjonijiet. Hekk skond ir-raba’ u l-hames imputazzjonijiet kemm Filippo Gauci kif ukoll Carmel Gauci gew akkuzati li hebbew ghal Charles Gauci b’gebla. Fl-affidavits taghhom P. C. 362 W. Borg u P.C. 56 J. C. Grech jghidu li Philip (Filippo) Gauci kellu mfietah f’idejh filwaqt illi Carmelo Gauci qabad gebla u beda jxejjirha vjolentement fid-direzzjoni ta’ Charles Gauci. Mill-banda l-ohra Charles Gauci jghid illi Filippo Gauci tah daqqa ta’ gebla fuq rasu filwaqt illi Carmelo Gauci tah bl-imfietah fuq dahru. Paul Gauci, hu Charles, ukoll jghid li l-imfietah, ossia muftieh, kienu f’idejn Carmelo Gauci. Filippo Gauci ukoll jikkonferma li l-imfietah kienu f’idejn Carmelo. Hu evidenti ghalhekk li l-Pulizija hadu zball fl-affidavits taghhom u invertew l-ismijiet.

Fl-affidavits taghhom iz-zewg pulizija jghidu li ppruvaw ghal hafna drabi jzommu lil Charles Gauci “milli jipprovoka lill-partijiet l-ohra bil-kliem u billi jghajjat f’wicchom u jxejjer idejh f’wicchom”. F’daqqa wahda pero` Brian Gauci, iben l-appellant Carmelo, imbotta lil Charles Gauci “u faqqghet glieda qalila bejn Charles Gauci kontra Philip Gauci, Brian Gauci, Carmelo Gauci u Maria Victoria Gauci”. Raw lil Carmel Gauci (*recte:* Philip Gauci) jaqbad gebla minn ma’ l-art u beda jxejjirha vjolentement fid-direzzjoni ta’ Charles Gauci u lil Philip Gauci (*recte:* Carmelo Gauci) ixejjer bl-addocc l-imfietah li kellu f’idejh fid-direzzjoni ta’ Charles Gauci bi vjolenza. Charles Gauci fil-fatt xehed illi Carmelo Gauci tah bil-muftieh go daharu filwaqt illi Filippo Gauci tah daqqa ta’ gebla go rasu. Paul Gauci xehed illi ra lil Filippo Gauci jaghti daqqa ta’ gebla lil Charles Gauci f’rasu pero` ma kienx jaf jekk Carmelo Gauci laqatx lil Charles Gauci bil-muftieh ghax hu kien qieghed izomm lil Carmelo Gauci u fil-fatt spicca b’xi daqqiet hu stess.

Filippo Gauci jghid illi x’hin kienu se jitilqu, Charles Gauci ta daqqa ta’ ponn go imnieher Brian Gauci u huma marru jaqbzu ghalih. Jghid li qabel ma bdew jiggieldu, kien hemm gebla kbira ma’ l-art u nehhiha min-nofs ghax kienet go saqajhom u tefaghha mal-hajt. Carmelo Gauci jghid li kellu l-imfietah f’idejh ghax kienu hergin ‘il barra. X’hin qabad il-glied, Paul Gauci qabdu minn rasu u gibdu

lura. Lil Charles Gauci ma missux ghax Paul Gauci qabdu mill-ewwel.

Fl-affidavit taghhom il-pulizija jghidu li ordnaw lill-partijiet diversi drabi biex jieqfu mill-ghajjat u glied izda ghalxejn u kkontrollaw is-sitwazzjoni b’certa diffikulta`.

Mill-provi m’hemmx dubju li kien hemm argument shun bejn, fost ohrajn, l-appellanti u Charles Gauci, argument li spicca fi glieda. M’hemmx dubju l-anqas li l-appellanti ma obdewx l-ordnijiet tal-Pulizija biex jiddezistu mill-agir taghhom. L-anqas m’hemm dubju li Filippo Gauci ta daqqa ta’ gebla fuq ras Charles Gauci. M’hemmx dubju li Carmelo Gauci ma kellu l-ebda gebla f’idejh izda kellu muftieh jew imfietah. Pero` hemm dubju ragjonevoli jekk laqatx lil Charles Gauci jew le peress illi jidher li Paul Gauci qabdu mill-ewwel. Difatti l-offizi li garrab Charles Gauci f’dahru (grif superficjali) setghu graw meta waqa’ ma’ l-art.

Mill-banda l-ohra din il-Qorti hi sodisfatta li, bhalma stqarru l-pulizija li kienu fuq il-post, Charles Gauci kien qieghed jagixxi b’mod provokattiv. Jidher li ghal din il-provokazzjoni Brian Gauci (li mhuwiex akkuzat) irreagixxa billi mbotta lil Charles Gauci, dan Charles Gauci rritalja u f’dak il-hin “ghaqdet” – Filippo Gauci jghid li marru jaqbzu ghal Brian Gauci wara li dan qala’ daqqa ta’ ponn fuq imniehru minghand Charles Gauci – dan kollu fil-presenza tal-Pulizija u nonostante tali presenza. Ma tistax pero` tintuza tali provokazzjoni bhala gustifikazzjoni ghall-ghemil taghhom stante li jidher illi l-ewwel kuntatt fiziku sar minn Brian Gauci. Tista’ pero` tittiehed in konsiderazzjoni meta din il-Qorti tigi biex tiddetermina l-piena, specjalment tenut kont tal-fatt illi diga` kien hemm incident iehor fejn Filippo Gauci kien gie aggredit minn Charles Gauci u ghalhekk sa certu punt kien ghadu trawmatizzat minnu.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet liz-zewg appellanti hatja ta’ l-ewwel

imputazzjoni u minflok tiddikjarhom mhux hatja ta’ dik l-imputazzjoni u minnha tilliberahom; tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant Carmelo Gauci hati tal-hames imputazzjoni u minflok tiddikjarah mhux hati taghha u minnha tilliberah; tirrevokaha in kwantu kkundannathom multa ta’ mitt euro (€100) kull wiehed u minflok, wara li rat l-artikoli 338(dd), 338(ee), 214, 215, 221(1), 17(d) tikkundanna lill-appellant Filippo Gauci ghal multa ta’ hamsin euro (€50) u lill-appellant Carmelo Gauci ghal ammenda ta’ hamsa u ghoxrin euro (€25). Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------